KONFERENZA
TAR-RAPPREŻENTANTI
TAL-GVERNIJIET
TAL-ISTATI MEMBRI

Brussell, 23 ta' Settembru 2024
(OR. fr)

PUBLIC

13680/24

LIMITE

JUR 456
INST 331
COUR 49

NOTA

minn:	Segretarjat tal-KIG
lil:	Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri
Suġġett:	Adozzjoni ta' deċiżjonijiet tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar ħatriet fil-Qorti tal-Ġustizzja u fil-Qorti Ġenerali

I. Ħatra ta' membri tal-Qorti tal-Ġustizzja

1. Permezz ta' ittra datata l-5 ta' April 2023[1], il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja informa lill-President tal-Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri (KIG) li l-mandat ta' tlettax-il Imħallef u ta' ħames Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja ser jiskadi fis-6 ta' Ottubru 2024.

2. F'dan il-kuntest:

   - il-gvern tar-Repubblika tal-Awstrija ppropona t-tiġdid tal-mandat tas-Sur Andreas Kumin[2] għal mandat ġdid bħala Mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja;

[1] ST 8325/23
[2] ST 13255/24

- il-Gvern tar-Repubblika Taljana ppropona lis-Sur Andrea Biondi[3] għall-ewwel mandat bħala Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja wara r-riżenja tas-Sur Giovanni PITRUZZELLA, maħtur Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2023/2508 tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri[4].

Dawn il-proposti jikkonċernaw ħatriet għal mandat mis-7 ta' Ottubru 2024 sas-6 ta' Ottubru 2030.

3. Peress li l-Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, maħtur fuq proposta tar-Renju tad-Danimarka, talab biex jitneħħa mill-kariga b'effett mis-7 ta' Ottubru 2024[5], kien f'idejn il-Gvern ta' dak il-pajjiż li jipproponi kandidat biex iservi bħala Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fis-6 ta' Ottubru 2027. F'dan il-kuntest, il-gvern tar-Renju tad-Danimarka ppropona lis-Sur Niels Fenger[6] għall-kariga ta' Mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja.

4. Skont l-Artikolu 253, l-ewwel paragrafu, li għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 255, l-ewwel paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, magħżula minn fost persuni li ma jkunx hemm dubju dwar l-indipendenza tagħhom u li jkollhom il-kwalifiki meħtieġa biex fil-pajjiżi rispettivi tagħhom jeżerċitaw l-ogħla funzjonijiet ġudizzjarji, jew li jkunu ġurikonsulti ta' kompetenza magħrufa, jinħatru bi qbil komuni mill-gvernijiet tal-Istati Membri, wara konsultazzjoni ma' kumitat inkarigat li jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati li jaqdu d-dmirijiet ta' Mħallef jew ta' Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja.

---

3 ST 13340/24

4 Id-Deċiżjoni (UE) 2023/2508 tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tat-8 ta' Novembru 2023 li taħtar żewġ Imħallfin u Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja (ĠU L, 10.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2508/mt)

5 ST 13883/23

6 ST 13339/24

PUBLIC

5. Il-kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni favorevoli dwar l-idoneità tal-kandidati imsemmija hawn fuq għall-qadi tad-dmirijiet ta' Mħallef u ta' Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'konformità mat-tieni paragrafu tal-punt 8 tar-Regoli dwar il-funzjonament tal-kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/124/UE tal-25 ta' Frar 2010[7], l-opinjonijiet imsemmija hawn fuq intbagħtu lir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri.

II. Ħatra ta' membri tal-Qorti Ġenerali

6. Permezz ta' ittra tas-26 ta' Marzu 2021[8], il-President tal-Qorti Ġenerali informa lill-President tal-Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li l-mandat ta' sitta u għoxrin Imħallef jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2022.

7. F'dan il-kuntest, il-Gvern tar-Repubblika Slovakka ppropona l-kandidatura tas-Sur Juraj Schwarcz[9] għal tiġdid tal-mandat tiegħu.

   Din il-proposta tikkonċerna ħatra għal mandat li jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2028.

8. Barra minn hekk, permezz ta' ittra tad-29 ta' Frar 2024[10], il-President tal-Qorti Ġenerali informa lill-President tal-Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li l-mandat ta' sitta u għoxrin Imħallef jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2025.

9. F'dan il-kuntest, il-Gvern tal-Irlanda nnomina lis-Sa Suzanne Kingston u lis-Sur Colm Mac Eochaidh, u l-Gvern tar-Renju ta' Spanja ppropona lis-Sur José Martín y Pérez De Nanclares u lis-Sur Miguel Sampol Pucurull għal tiġdid tal-mandat tagħhom[11].

---

7 ĠU L 50, 27.2.2010, p. 18.
8 ST 7540/21
9 ST 13254/24
10 ST 7373/24
11 ST 13246/24, ST 13249/24, ST 13251/24, ST 13252/24

Dawn il-proposti jikkonċernaw ħatriet għal mandat mill-1 ta' Settembru 2025 sal-31 ta' Awwissu 2031.

10. Barra minn hekk, Imħallef tal-Qorti Ġenerali, maħtur fuq proposta tal-Gvern tar-Repubblika Franċiża, inħatar Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perjodu mis-7 ta' Ottubru 2024[12]. Għalhekk kien f'idejn dan il-pajjiż li jipproponi kandidat għall-kariga ta' Mħallef fil-Qorti Ġenerali għall-bqija tal-mandat tal-Imħallef li qiegħed jirtira, jiġifieri sal-31 ta' Awwissu 2025. F'dan il-kuntest, ir-Repubblika Franċiża pproponiet lis-Sur Hervé Cassagnabère[13] għall-kariga ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali.

11. Barra minn hekk, Imħallef tal-Qorti Ġenerali, maħtur fuq proposta tal-Gvern tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, inħatar Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perjodu mis-7 ta' Ottubru 2024[14]. Għalhekk kien f'idejn dan il-pajjiż li jipproponi kandidat għall-kariga ta' Mħallef fil-Qorti Ġenerali għall-bqija tal-mandat tal-Imħallef li qiegħed jirtira, jiġifieri sal-31 ta' Awwissu 2028. F'dan il-kuntest, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu ppropona lis-Sur Raphaël Meyer[15] għall-kariga ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali.

12. Skont l-Artikolu 254, it-tieni paragrafu, li għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 255, l-ewwel paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-membri tal-Qorti Ġenerali, magħżula minn fost persuni li ma jkunx hemm dubju dwar l-indipendenza tagħhom u li jkollhom il-kapaċità meħtieġa biex jeżerċitaw l-ogħla funzjonijiet ġudizzjarji, jinħatru bi qbil komuni mill-gvernijiet tal-Istati Membri, wara konsultazzjoni ma' kumitat inkarigat li jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati li jaqdu d-dmirijiet ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali.

---

12 ĠU L, 2024/1036, 3.4.2024
13 ST 13319/24
14 ĠU L, 2024/1036, 3.4.2024
15 ST 13320/24

13. Il-Kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni favorevoli dwar l-idoneità tal-kandidati msemmija hawn fuq għall-qadi tad-dmirijiet ta' mħallef tal-Qorti Ġenerali. F'konformità mat-tieni paragrafu tal-punt 8 tar-Regoli dwar il-funzjonament tal-kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/124/UE tal-25 ta' Frar 2010, l-opinjonijiet imsemmija hawn fuq intbagħtu lir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri.

III. Laqgħa tal-Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri

17. Permezz ta' nota ta' informazzjoni tat-13 ta' Settembru 2024[16] tas-segretarjat tal-Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri (KIG), ir-rappreżentanti permanenti tal-Istati Membri ġew mgħarrfa bit-tlaqqigħ ta' KIG, fil-marġini tal-laqgħa tal-Coreper tat-2 ta' Ottubru 2024, bil-ħsieb li jiġu eżaminati l-opinjonijiet imsemmija u jittieħdu d-deċiżjonijiet xierqa.

18. F'dawn iċ-ċirkostanzi, fil-laqgħa tagħha tat-2 ta' Ottubru 2024, il-KIG tista' tadotta d-deċiżjoni li taħtar lis-Sur Andreas Kumin u s-Sur Niels Fenger bħala Mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja, u lis-Sur Andrea Biondi, bħala Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif tinsab fid-dokument ST 12660/24. Fil-laqgħa tagħha tat-2 ta' Ottubru 2024, il-KIG tista' tadotta wkoll id-deċiżjoni li taħtar lis-Sur Juraj Schwarcz, is-Sa Suzanne Kingston, is-Sur Colm Mac Eochaidh, is-Sur José Martín y Pérez De Nanclares, is-Sur Miguel Sampol Pucurull, is-Sur Hervé Cassagnabère u s-Sur Raphaël Meyer bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali, kif tinsab fid-dokument ST 12659/24.

19. Il-KIG ser tkun tista' tapprova wkoll il-minuti tal-KIG preċedenti, li saret fit-3 ta' Lulju 2024, kif jinsabu fid-dokument ST 12064/1/24.

---

[16] ST 13358/24